REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/862

tat-28 ta' Mejju 2021

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2003/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-fertilizzanti bl-għan li jiġi inkluż tip ġdid ta' fertilizzanti tal-KE fl-Anness I

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 2003/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 dwar il-fertilizzanti ([1]), b'mod partikolari l-Artikolu 31(1) tiegħu,

Billi:

(1) Manifattur ta' soluzzjoni tal-ilma bil-format tal-potassju, ressaq talba lill-Kummissjoni permezz tal-awtoritajiet Żvediżi biex jinkludi dik is-sustanza bħala tip ta' fertilizzant ġdid fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 2003/2003. Is-soluzzjoni tal-ilma bil-format tal-potassju ġiet żviluppata biex tipprovdi assorbiment aħjar tal-potassju mill-weraq tal-pjanti bi ħtieġa kbira ta' dan in-nutrijent primarju, bħall-frott u l-ħxejjex.

(2) Is-soluzzjoni tal-ilma bil-format tal-potassju, kif speċifikat fl-Anness I ta' dan ir-Regolament, tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 2003/2003. Għalhekk, jenħtieġ li tiġi inkluża fil-lista tat-tipi ta' fertilizzanti tal-KE fl-Anness I ta' dak ir-Regolament.

(3) Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 2003/2003 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.

(4) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 32 tar-Regolament (KE) Nru 2003/2003.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 2003/2003 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Mejju 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

([1]) ĠU L 304, 21.11.2003, p. 1.

ANNESS

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 2003/2003 huwa emendat kif ġej:

Fit-Tabella fit-Taqsima C.1, l-entrata li ġejja tiżdied wara l-entrata 7:

"8	Soluzzjoni tal-ilma bil-format tal-potassju	Prodott miksub bir-reazzjoni tal-potassju idrossidu, tal-formaldeid, tal-butiraldeid u tal-aċidu formiku, segwita b'separazzjoni u evaporazzjoni	50 % format tal-potassju 28 % K_2O Potassju espress bħala K_2O li jinħall fl-ilma 27 % format		Ossidu tal-potassju li jinħall fl-ilma"